

Brussell, 2 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8426/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0045(COD)

CODEC 896
EF 146
ECOFIN 389
IA 127
PE 162

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera ta' fondi ta' investiment kollettiv u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013 u (UE) Nru 346/2013 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-15 sat-18 ta' April 2019)

I. INTRODUEZZJONI*

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Wolf KLINZ (ALDE, DE), ippreżenta emenda ta' kompromess (l-emenda 2) għall-proposta għal Regolament f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fis-16 ta' April 2019, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda 2) għall-proposta għal Regolament. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni legiſlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni legiſlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

L-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera ta' fondi ta' investiment kollettiv (Regolament) *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera ta' fondi ta' investiment kollettiv u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013 u (UE) Nru 346/2013 (COM(2018)0110 – C8-0110/2018 – 2018/0045(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0110),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0110/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2018¹,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Frar 2019, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0431/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 367, 10.10.2018, p. 50.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' April 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera *tal-impriżi ta' investiment kollettiv u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013 u (UE) Nru 1286/2014*

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

■

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 367, 10.10.2018, p. 50.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019.

Billi:

- (1) Approċċi regolatorji u superviżorji li jirrigwardaw id-distribuzzjoni transfruntiera ta' fondi ta' investiment alternattivi ("AIFs"), kif definit *fid*-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, *inklużi l-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (EuVECA), kif definit fir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (EuSEF), kif definit fir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, u l-Fondi Ewropej tal-Investment fuq Terminu Twil (ELTIF), kif definit fir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ kif ukoll l-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli ("UCITS"), fis-sens tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, jirriżultaw fi frammentazzjoni u ostakli għall-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera u għall-aċċess tal-AIFs u l-UCITS, li min-naħa tagħhom jistgħu jwaqqfuhom milli jkunu kkummerċjalizzati fi Stati Membri oħrajn. UCITS tista' tiġi ġestita esternament jew internament, skont il-forma ġuridika tagħha. ***Kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament relatata ma' kumpaniji maniġerjali tal-UCITS jenħtieġ li tapplikakemm għal kumpanija, li n-negozju regolari tagħha huwa l-ġestjoni tal-UCITS u għal kwalunkwe UCITS li ma jkunx ħatar kumpanija maniġerjali tal-UCITS.****

¹ Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

² *Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).*

³ *Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).*

⁴ *Ir-Regolament (UE) Nru 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98).*

⁵ Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

- (2) Sabiex jissaħħaħ il-qafas regolatorju applikabbli **għall-impriżi** ta' investiment **kollettiv** u biex jiħarsu aħjar l-investituri, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni indirizzati lill-investituri f'AIFs u f'UCITS jenħtieġ li jkunu identifikabbli bħala tali, u jenħtieġ li **jiddeskrivu** r-riskji u l-benefiċċji tax-xiri ta' unitajiet jew ishma ta' AIF jew UCITS bl-istess mod prominenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-informazzjoni kollha inkluża fil-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni indirizzati lill-investituri tkun ippreżentata b'mod ġust, ċar u mhux qarrieqi. Sabiex tiġi salvagwardjata l-protezzjoni tal-investitur u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-AIFs u l-UCITS, jenħtieġ li l-istandards għall-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni japplikaw għall-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs u għall-UCITS.
- (3) ***Il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni indirizzati lill-investituri f'AIFs u UCITS jenħtieġ li jispeċifikaw fejn, kif u f'liema lingwa l-investituri jistgħu jiksbu informazzjoni fil-qosor dwar id-drittijiet tal-investitur u jenħtieġ li jiddikjaraw b'mod ċar li l-AIFM, il-manijer tal-EuVECA, il-manijer tal-EuSEF jew il-kumpanija manijerjali tal-UCITS (flimkien, "manijers tal-impriżi ta' investiment kollettiv"), għandhom id-dritt li jtemmu l-arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni.***

- (4) *Sabiex jiżdedu t-trasparenza u l-protezzjoni tal-investitur u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali u d-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli għall-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jippubblikaw dawn it-testi fuq is-siti web tagħhom fi, bħala minimu, lingwa abitwali waħda fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, inklużi s-sommarji mhux uffiċjali tagħhom li jippermettu lill-manigiers tal-impriżi ta' investiment kollettiv jiksbu ħarsa ġenerali wiesgħa ta' daww il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi. Il-pubblikazzjoni jenħtieġ li tkun għal finijiet ta' informazzjoni biss u jenħtieġ li ma toħloqx obbligi legali. Għall-istess raġunijiet, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (ESMA) jenħtieġ li toħloq bażi tad-data ċentrali li jkun fiha sommarji tar-rekwiżiti nazzjonali għall-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni u hyperlinks għall-informazzjoni ppubblikata fis-siti web tal-awtoritajiet kompetenti.*
- (5) *Sabiex jiġu promossi prattiki tajba ta' protezzjoni tal-investitur li jkunu minquxa fir-rekwiżiti nazzjonali għal komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ġusti u ċari, inklużi l-aspetti online ta' tali komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, l-ESMA jenħtieġ li toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' daww ir-rekwiżiti għall-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.*

¹ *Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).*

- (6) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jesigħu notifika ***minn qabel*** ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ***għall-iskop ta' verifika ex ante tal-konformità*** ta' dawk il-komunikazzjonijiet ma' dan ir-Regolament u rekwiżiti applikabbli oħra, ***bħal pereżempju*** jekk il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni humiex identifikabbli bħala tali, jekk ***jiddeskrivux*** ir-riskji u l-benefiċċji tax-xiri ta' unitajiet ta' UCITS, u fil-każijiet li fihom Stat Membru jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs lill-investituri fil-livell tal-konsumatur, ir-riskji u l-benefiċċji tax-xiri ta' unitajiet jew ishma ta' AIF b'mod ugwalment prominenti u jekk l-informazzjoni kollha fil-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni hijiex ippreżentata b'mod li jkun ġust, ċar u mhux qarrieqi. ***Dik il-verifika jenħtieġ li titwettaq f'perjodu ta' żmien limitat. Meta l-awtoritajiet kompetenti jesigħu notifika minn qabel, dan jenħtieġ li ma jwaqqafhomx milli jivverifikaw il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ex post.***
- (7) ***L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jirrapportaw lill-ESMA r-riżultati ta' dawk il-verifiki, it-talbiet għal emendi u kwalunkwe sanzjoni imposta fuq il-manigħers tal-impriżi ta' investiment kollettiv. Bil-għan li jżiedu s-sensibilizzazzjoni u t-trasparenza fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, minn naħa waħda, u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investitur, min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-ESMA, kull tieni sena, tipprepara u tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar dawk ir-regoli u l-applikazzjoni Prattika tagħhom abbażi ta' verifiki ex ante u ex post ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.***

- (8) Sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-maniġers tal-impriża ta' investiment kollettiv u jiġi ffaċilitat it-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom ***rigward*** jekk għandhomx jinvolvu ruħhom fid-distribuzzjoni transfruntiera ta' fondi ta' investiment, huwa importanti li t-tariffi u l-ħlasijiet imposti mill-awtoritajiet kompetenti ***għas-superviżjoni ta' attivitajiet transfruntiera*** jkunu proporzjonati għall-kompiti ta' superviżjoni mwettqa u żvelati pubblikament, u li, ***sabiex tissaħħaħ it-trasparenza***, daww it-tariffi u l-ħlasijiet ikunu ppubblikati fis-siti web tal-awtoritajiet kompetenti. Għall-istess raġuni, ***il-hyperlinks għall-informazzjoni ppubblikata fuq is-sit web tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tat-tariffi u l-ħlasijiet jenħtieġ li jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-ESMA sabiex ikun hemm punt ċentrali għall-informazzjoni***. Jenħtieġ li s-sit web tal-ESMA jinkludi ***wkoll*** għodda interattiva li tippermetti l-kalkoli ***indikattivi ta' daww*** it-tariffi u l-ħlasijiet imposti mill-awtoritajiet kompetenti.
- (9) ***Biex jiġi żgurat l-irkupru aħjar tat-tariffi jew tal-ħlasijiet u biex jiżdedu t-trasparenza u ċ-ċarezza tal-istruttura tat-tariffi u tal-ħlasijiet, meta tali tariffi jew ħlasijiet jiġu imposti mill-awtoritajiet kompetenti, il-maniġers tal-impriżi ta' investiment kollettiv jenħtieġ li jirċievu fattura, dikjarazzjoni ta' pagament individwali jew struzzjoni ta' pagament li tistabbilixxi b'mod ċar l-ammont ta' tariffi jew ħlasijiet dovuti u l-metodu ta' pagament.***

- (10) Peress li, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA jenħtieġ li timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-kompetenza tagħha, huwa xieraq u meħtieġ li jissaħħa l-għarfien tal-ESMA billi jitwessgħu l-bażijiet tad-data attwalment eżistenti tal-ESMA biex jinkludu bażi tad-data ċentrali li telenka l-AIFs u l-UCITS kollha li huma kkummerċjalizzati b'mod transfruntier, il-manigiers ta' dawk l-impriżi ta' investiment kollettiv ***u l-Istati Membri li fihom issir il-kummerċjalizzazzjoni***. Għal dan il-għan, ***u sabiex l-ESMA tkun tista' żżomm il-bażi tad-data ċentrali aġġornata***, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jibagħtu lill-ESMA ***informazzjoni dwar*** in-notifiki, l-ittri ta' notifika ***u l-informazzjoni*** li jkunu rċevew skont id-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE ***fir-rigward ta' attività ta' kummerċjalizzazzjoni transfruntiera kif ukoll informazzjoni dwar kwalunkwe bidla li jenħtieġ li tiġi riflessa f'dik il-bażi tad-data. F'dak ir-rigward, l-ESMA jenħtieġ li tistabbilixxi portal ta' notifika li fih l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jtellgħu d-dokumenti kollha rigward id-distribuzzjoni transfruntiera tal-UCITS u l-AIFs.***

- (11) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti kif definit fir-Regolament (UE) Nru 345/2013, jew fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti kif definit fir-Regolament (UE) Nru 346/2013, minn naħa, u AIFs oħrajn, min-naħa l-oħra, huwa neċessarju li f'dawk ir-Regolamenti jiġu inklużi regoli dwar il-prekummerċjalizzazzjoni li jkunu identiċi għar-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2011/61/UE dwar il-prekummerċjalizzazzjoni. Tali regoli jenħtieġ li jippermettu lill-manigġers irreġistrati skont dawk ir-Regolamenti sabiex jiffukaw fuq l-investituri billi jittestjaw il-ħajra tagħhom għal opportunitajiet jew strateġiji ta' investiment futuri permezz ta' fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti u fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti.

- (12) *B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, ċerti kumpaniji u persuni msemmija fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament huma eżentati mill-obbligi skont dak ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2019. Dak ir-Regolament jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni għandha tirrevedi sal-31 ta' Diċembru 2018, sabiex tivvaluta, inter alia, jekk jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tranżizzjonali tiġi estiża, jew jekk, wara l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe aġġustament neċessarju, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar it-tagħrif ewlieni għall-investitur fid-Direttiva 2009/65/KE jiġu sostitwiti minn dokument bl-informazzjoni ewlenija jew jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għalih kif stabbilit f'dak ir-Regolament.*
- (13) *Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq ir-rieżami skont ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 kif previst oriġinarjament, l-iskadenza għal dak ir-rieżami jenħtieġ li tiġi estiża bi 12-il xahar. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jenħtieġ li jappoġġja l-proċess ta' rieżami tal-Kummissjoni billi jorganizza seduta ta' smigħ dwar is-suġġett mal-partijiet interessati rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumatur u l-industrija.*

¹ *Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).*

- (14) *Sabiex jiġi evitat li l-investituri jirċievu żewġ dokumenti differenti ta' żvelar minn qabel, jiġifieri dokument tat-tagħrif ewlieni għall-investitur (KIID) kif meħtieġ mid-Direttiva 2009/65/KE u dokument bl-informazzjoni ewlenija (KID) kif meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 1286/2014, għall-istess impriża ta' investiment kollettiv filwaqt li jkunu qed jiġu adottati u implimentati l-atti leġiżlattivi li jirriżultaw mir-rieżami tal-Kummissjoni skont dak ir-Regolament, l-eżenzjoni tranżizzjonali mill-obbligi skont dak ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi estiża b'24 xahar. Mingħajr preġudizzju għal dik l-estensjoni, l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet superviżorji kollha involuti jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex jaġixxu malajr kemm jista' jkun biex jiffaċilitaw it-terminazzjoni ta' dik l-eżenzjoni tranżizzjonali.*

- (15) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa tadotta abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, żviluppati mill-ESMA, fir-rigward tal-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard **għall-pubblikazzjoni** u n-notifika mill-awtoritajiet kompetenti tal-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi **nazzjonali** u s-sommarji tagħhom dwar ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni applikabbli fit-territorji tagħhom, il-livelli ta' tariffi jew ħlasijiet imposti minnhom **għal attivitajiet transfruntiera**, u fejn applikabbli, il-metodoloġiji ta' kalkolu rilevanti. Barra minn hekk, biex titjieb it-trażmissjoni **lill-ESMA**, jenħtieġ li l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni jiġu adottati **wkoll** fir-rigward tan-notifiki, l-ittri ta' notifika u **l-informazzjoni** dwar l-attivitajiet **ta' kummerċjalizzazzjoni** transfruntiera li huma meħtieġa mid-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/EU u l-arranġamenti tekniċi neċessarji għall-funzjonament tal-portal tan-notifika li se jiġi stabbilit mill-ESMA. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.
- (16) Jeħtieġ li **tiġi speċifikata l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata kull tliet xhur lill-ESMA, sabiex il-bażijiet tad-data tal-impreżi ta' investiment kollettiv kollha u l-manijers tagħhom jinżammu aġġornati.**

- (17) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali mwettaq fil-qafas ta' dan ir-Regolament, bħall-iskambju jew it-trażmissjoni ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jsir b'mod konformi mar-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, u kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-ESMA jenħtieġ li jsiru skont **ir-Regolament (KE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**².
- (18) *Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet attribwiti lilhom f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha neċessarji.*

¹ **Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).**

² **Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).**

- (19) Sa... [5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tiegħu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi tas-suq u tivvaluta jekk il-miżuri introdotti tejbux id-distribuzzjoni transfruntiera tal-impriżi ta' investiment kollettiv.
- (20) *Sa... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblica rapport dwar solleċitazzjoni u domanda bil-kontra fuq l-inizjattiva proprja ta' investitur, filwaqt li tispeċifika l-firxa ta' dik il-forma ta' sottoskrizzjoni f'fondi, id-distribuzzjoni ġeografika tagħha inkluż f'pajjiżi terzi, u l-impatt tagħha fuq ir-reġim ta' passaportar.*

- (21) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt, jeħtieġ li jiġu sinkronizzati d-dati tal-applikazzjoni tal-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi **nazzjonali** li jimplimentaw id-Direttiva (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁺ u ta' dan ir-Regolament fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni u l-prekummerċjalizzazzjoni.
- (22) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tisħiħ tal-effiċjenza tas-suq filwaqt li tiġi stabbilita l-unjoni tas-swieq kapitali, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Id-Direttiva (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li temenda d-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE fir-rigward tad-distribuzzjoni transfruntiera tal-impriżi ta' investiment kollettiv (ĠU L ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../... (2018/0041 (COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi dwar il-pubblikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-impriżi ta' investiment kollettiv u dwar il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni indirizzati lill-investituri, kif ukoll il-prinċipji komuni rigward tariffi u ħlasijiet imposti fuq il-maniġers ta' investiment kollettiv fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tagħhom, l-istabbiliment ta' bażi ta' data ċentrali dwar il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-impriżi ta' investiment kollettiv.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

- (a) maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi;
- (b) kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, inkluż kwalunkwe UCITS li ma tkunx ħatret kumpanija maniġerjali tal-UCITS;
- (c) maniġers ta' EuVECA; u
- (d) maniġers ta' EuSEF.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ***"fondi ta' investiment alternattivi" jew "AIFs" tfisser AIFs kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE, u tinkludi EuVECA, EuSEF u ELTIF;***
- (b) ***"maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi" jew "AIFMs" tfisser AIFMs kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE u awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva;***
- (c) ***"maniġer ta' EuSEF" tfisser maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti kif definit fil-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013, irreġistrat skont l-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament;***
- (d) ***"maniġer ta' EuSEF" tfisser maniġer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti kif definit fil-punt (c) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 u rreġistrat skont l-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament;***

- (e) "awtoritajiet kompetenti" tfisser ***awtoritajiet*** kompetenti kif definit fil-punt (h) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jew fil-punt (f) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE jew awtoritajiet kompetenti tal-EU AIF kif definit fil-punt (h) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE;
- (f) "Stat Membru ta' domiċilju" tfisser l-Istat Membru li fih l-AIFM, ***il-maniġer ta' EuVECA, il-maniġer ta' EuSEF*** jew il-kumpanija maniġerjali tal-UCITS għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom;
- (g) "UCITS" tfisser UCITS awtorizzata skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/65/KE;
- (h) "kumpanija maniġerjali tal-UCITS" tfisser kumpanija maniġerjali kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2009/65/KE;

Artikolu 4

Rekwiżiti għal komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni

1. ***L-AIFMs, il-manigġers ta' EuVECA, il-manigġers ta' EuSEFs u*** l-kumpaniji manigġerjali tal-UCITS għandhom jiżguraw li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni kollha indirizzati lill-investituri jkunu identifikabbli bħala tali u ***jiddeskrivu*** r-riskji u l-benefiċċji tax-xiri ta' unitajiet jew ishma ta' AIF jew ***unitajiet*** ta' UCITS b'mod ugwalment prominenti, u li l-informazzjoni kollha inkluża fil-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa.
2. Il-kumpaniji manigġerjali tal-UCITS għandhom jiżguraw li ***l-komunikazzjonijiet*** ta' kummerċjalizzazzjoni li jkun ***fihom*** informazzjoni speċifika dwar xi UCITS ***ma jikkontradixxux jew inaqqsu s-sinifikat tal-informazzjoni*** li tkun fil-prospett imsemmi fl-Artikolu 68 tad-Direttiva 2009/65/KE jew ***it-tagħrif ewlieni*** għall-investituri msemmi fl-Artikolu 78 ta' dik id-Direttiva. Il-kumpaniji manigġerjali tal-UCITS għandhom jiżguraw li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni kollha jindikaw li jeżisti prospett u li t-tagħrif ewlieni għall-investituri jkun disponibbli. ***Tali komunikazzjonijiet*** ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jispeċifikaw fejn, kif u b'liema lingwa l-investituri jew l-investituri potenzjali jistgħu jiksibu l-prospett u t-tagħrif ewlieni għall-investituri ***u għandhom jipprovdu hyperlinks jew indirizzi tas-sit web għal dawk id-dokumenti.***

3. *Il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni msemija fil-paragrafu 2 għandhom jiġi speċifikaw fejn, kif u b'liema lingwa l-investituri jew l-investituri potenzjali jistgħu jiksbru sommarju tad-drittijiet tal-investitur u għandhom jipprovdu hyperlink għal tali sommarju, li għandu jinkludi, kif xieraq, informazzjoni dwar aċċess għall-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali f'każ ta' tilwim.*

Tali komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandu jkun fihom ukoll informazzjoni ċara li l-manigġer jew il-kumpanija manigġerjali msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiddeċiedu li jtemmu l-arranġamenti li jkunu saru għall-kummerċjalizzazzjoni tal-impriża ta' investiment kollettivi tagħhom skont l-Artikolu 93a tad-Direttiva 2009/65/KE u l-Artikolu 32a tad-Direttiva 2011/61/UE.

4. L-AIFMs, *il-manigġers ta' EuVECA, il-manigġers ta' EuSEFs* għandhom jiżguraw li *l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni* li jkunu jinkludu stedina għal xiri ta' unitajiet jew ishma ta' AIF li jkun fihom informazzjoni speċifika dwar AIF ma *jikkontradixxux* l-informazzjoni li trid tiġi divulgata lill-investituri f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE, *mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013, jew inaqqsu* s-sinifikat tagħha.

5. Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu japplika mutatis mutandis għall-AIFs li jippubblikaw prospett skont ir-Regolament (UE) Nru 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jew skont il-liġi nazzjonali, jew japplikaw regoli dwar il-format u l-kontenut tat-tagħrif ewlieni għall-investituri msemmi fl-Artikolu 78 tad-Direttiva 2009/65/KE.
6. Sa... [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-ESMA għandha toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti għall-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, u wara dan taġġorna dawk il-linji gwida minn żmien għal żmien, waqt li tiegħu inkunsiderazzjoni l-aspetti online ta' tali komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

Artikolu 5

Pubblikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw u jżommu fuq is-siti web tagħhom **informazzjoni aġġornata u kompleta dwar** il-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali kollha applikabbli li jirregolaw ir-regoli tal-kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs u l-UCITS, u s-sommarji tagħhom, fi, bħala minimu, lingwa abitwali waħda fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA **il-hyperlinks** għas-siti web tal-awtoritajiet kompetenti fejn tkun ippubblikata **l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw **lill-ESMA** bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu **mingħajr dewmien żejjed.**

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex jiġu ddeterminati l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard **għall-pubblikazzjonijiet u** għan-notifiki skont dan l-Artikolu.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ **ta' dan ir-Regolament**].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 6

Il-bażi tad-data ċentrali tal-ESMA dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali rigward ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni

Sa... [30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-ESMA għandha tippubblika u żżomm fuq is-sit web tagħha bażi ta' data ċentrali li jkun fiha ■ s-sommarji *msemmija fl-Artikolu 5(1)*, u l-hyperlinks għas-siti web tal-awtoritajiet kompetenti *msemmija fl-Artikolu 5(2)*.

Artikolu 7

Il-verifika *ex ante* tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni

1. Għall-fini uniku ta' verifika tal-konformità ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jesigū notifika *minn qabel* tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS ■ għandhom il-ħsieb li jużaw direttament jew indirettament fit-trattazzjonijiet tagħhom mal-investituri.

Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jikkostitwixxi kundizzjoni minn qabel għall-kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet ta' UCITS *u ma għandux ikun parti mill-proċedura ta' notifika msemmija fl-Artikolu 93 tad-Direttiva 2009/65/KE*.

Fejn l-awtoritajiet kompetenti jirrikjedu notifika ***minn qabel*** kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, dawn għandhom, fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol ***wara li jaslu l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni***, jinformat lill-kumpanija maniġerjali tal-UCITS dwar kwalunkwe talba biex din temenda l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tagħha.

In-notifika minn qabel imsemmija fl-ewwel subparagrafu tista' tkun meħtieġa fuq bażi sistematika jew skont kwalunkwe prattika oħra ta' verifika u għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe setgħa superviżorja ulterjuri rigward il-verifika ex post tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti li jesiġu notifika ***minn qabel*** tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jistabbilixxu, japplikaw, u jippubblikaw fis-siti web tagħhom, il-proċeduri għan-notifika ***minn qabel***. Ir-regoli u l-proċeduri interni għandhom jiżguraw trattament trasparenti u nondiskriminatorju tal-UCITS kollha, irrispettivament mill-Istati Membri li fihom huma awtorizzati l-UCITS.

3. Fejn l-AIFMs, *il-manigiers tal-EuVECA jew il-manigiers tal-EuSEF* jikkummerċjalizzaw unitajiet jew ishma *tal-AIFs tagħhom* lill-investituri individwali, il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mutatis mutandis għal daww l-AIFMs, *il-manigiers tal-EuVECA jew il-manigiers tal-EuSEF*.

Artikolu 8

Rapport tal-ESMA dwar il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni

1. Sal-31 ta' Marzu 2021 u kull tieni sena wara dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-ESMA l-informazzjoni li ġejja:
- (a) in-numru ta' *talbiet għal emendi fir-rigward tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li saru abbażi ta' verifika ex ante, fejn applikabbli;*
 - (b) *in-numru ta' talbiet għal emendi u* deċiżjonijiet meħuda *abbażi ta' verifiki ex post,* b'distinzzjoni ċara tal-aktar ksur frekwenti, inklużi deskrizzjoni *u n-natura ta' dak il-ksur;*

(c) *deskrizzjoni tal-aktar ksur frekwenti tar-rekwiżiti msemija fl-Artikolu 4; u*

(d) *eżempju wieħed ta' kull ksur imsemmi fil-punti (b) u (c).*

2. Sat-30 ta' Ġunju 2021 u kull *tieni* sena wara dan, l-ESMA għandha tippreżenta rapport *lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li jippreżenta ħarsa ġenerali tar-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni msemija fl-Artikolu 5(1) fl-Istati Membri kollha u li jkun fih analiżi* tal-effetti tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jirregolaw il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni *abbażi wkoll tal-informazzjoni riċevuta skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*

Artikolu 9

Prinċipji komuni rigward tariffi jew ħlasijiet

1. ***Fejn*** it-tariffi jew il-ħlasijiet ***jigħu*** imposti mill-awtoritajiet kompetenti għat-***twettiq ta' dmirijiethom fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera ta' AIFMs, maniġers tal-EuVECA, maniġers ta' EuSEFs u kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, tali tariffi jew ħlasijiet*** għandhom ikunu ***konsistenti mal-ispiża ġenerali*** relatata ***■*** mal-prestazzjoni ***tal-funzjonijiet tal-awtorità kompetenti***.
2. Fir-rigward tat-tariffi jew il-ħlasijiet msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu fattura, ***dikjarazzjoni ta' pagament individwali jew struzzjoni ta' pagament*** li jistipulaw b'mod ċar il-metodu ta' pagament u d-data li fiha huwa dovut il-pagament ***lill-indirizz imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 93(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jew il-punt (i) tal-Anness IV tad-Direttiva 2011/61/UE***.

Artikolu 10

Pubblikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw tariffi u ħlasijiet

1. Sa... [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw u jżommu **informazzjoni aġġornata** fis-siti web tagħhom li telenka t-tariffi jew il-ħlasijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1), jew, fejn applikabbli, il-metodoloġiji ta' kalkolu għal dawk it-tariffi jew ħlasijiet, fi, bħala minimu, lingwa abitwali waħda fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA ***l-hyperlinks għas-siti web tal-awtoritajiet kompetenti fejn tkun ippubblikata l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.***
3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jiġu ddeterminati l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard ***għall-pubblikazzjonijiet u*** għan-notifiki skont dan l-Artikolu.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 11

Pubblikazzjoni tal-ESMA dwar it-tariffi u l-ħlasijiet

1. Sa ...[30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-ESMA għandha tippubblika fis-sit web tagħha ***hyperlinks għas-siti web tal-awtoritajiet kompetenti msemija fl-Artikolu 10(2). Dawk il-hyperlinks għandhom jinżammu aġġornati.***
2. ***Sa ... [30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-ESMA għandha tiżviluppa u tagħmel disponibbli fis-sit web tagħha għodda interattiva pubblikament aċċessibbli fi, bħala minimu, lingwa abitwali waħda fl-isfera tal-finanzi internazzjonali li tipprovdi kalkolu indikattiv tat-tariffi jew il-ħlasijiet imsemija fl-Artikolu 9(1) . Dik l-għodda għandha tinżamm aġġornata.***

■

Artikolu 12

Bażijiet tad-data ċentrali tal-ESMA dwar *il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera* tal-AIFs u l-UCITS

1. Sa ...[30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-ESMA għandha tippubblika **■** fis-sit web tagħha bażi tad-data ċentrali *dwar il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera ta' AIFs u UCITS*, aċċessibbli għall-pubbliku b'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, li telenka **■** :
 - (a) *l-AIFs kollha kkummerċjalizzati fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru ta' domiċilju, l-AIFM, il-maniġer tal-EuSEF jew il-maniġer tal-EuVECA tagħhom, u l-Istati Membri li fihom huma kkummerċjalizzati; u*
 - (b) *il-UCITS kollha kkummerċjalizzati fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS kif definit fil-punt (e) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, il-kumpanija maniġerjali tal-UCITS tagħhom u l-Istati Membri li fihom huma kkummerċjalizzati.*

Dik il-bażi tad-data ċentrali għandha tinżamm aġġornata.

2. ***L-obbligi f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 13 relatati mal-bażi tad-data msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligi relatati mal-lista msemija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, mar-reġistru pubbliku ċentrali msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(5) tad-Direttiva 2011/61/UE, mal-bażi ta' data ċentrali msemija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 u mal-bażi tad-data ċentrali msemija fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013.***

Artikolu 13

Standardizzazzjoni tan-notifiki lill-ESMA

1. ***Kull tliet xhur, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju għandhom jikkomunikaw lill-ESMA l-informazzjoni li hija neċessarja għall-ħolqien u ż-żamma tal-bażi tad-data ċentrali msemija fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament rigward kwalunkwe notifika, ittra ta' notifika, jew informazzjoni msemija fl-Artikolu 93(I) u fl-Artikolu 93a(2) tad-Direttiva 2009/65/KE u fl-Artikolu 31(2), fl-Artikolu 32(2) u fl-Artikolu 32a(2) tad-Direttiva 2011/61/UE, u kwalunkwe bidla f'dik l-informazzjoni, jekk tali bidla tkun tirriżulta f'bidla fl-informazzjoni f'dawk il-bażijiet ta' data ċentrali.***

2. ***L-ESMA għandha tistabbilixxi portal ta' notifika li fih kull awtorità kompetenti għandha ttella' d-dokumenti kollha msemmija fil-paragrafu 1.***

I

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika ***l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata, kif ukoll*** il-forom, il-mudelli u l-proċeduri ***għall-komunikazzjoni*** tal-informazzjoni **I** mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-paragrafu 1, ***u l-arranġamenti tekniċi neċessarji għall-funzjonament tal-portal ta' notifika msemmi fil-paragrafu 2.***

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 14

Is-setgħat talawtoritajiet kompetenti

1. *L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat ta' superviżjoni u ta' investigazzjoni kollha li jkunu neċessarji għall-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.*
2. *Is-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE, ir-Regolamenti (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013 u (UE) Nru 2015/760, inkluż dawk relatati ma' sanzjonijiet u miżuri oħra, għandhom ikunu eżerċitati fir-rigward tal-manigġers msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.*

Artikolu 15

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 345/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:

"(o) "prekummerċjalizzazzjoni" tfisser għoti **■** ta' informazzjoni *jew komunikazzjoni, b'mod dirett jew indirett*, dwar strateġiji ta' investment jew ideat ta' investment mill-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti, jew f'ismu, lill-investituri potenzjali ddomiċiljati jew b'uffiċċju rreġistrat fl-Unjoni sabiex jittestja l-interess tagħhom *f'fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti li għadu mhuwiex stabbilit, jew f'fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti li huwa stabbilit, iżda li għadu mhux innotifikat għall-kummerċjalizzazzjoni skont l-Artikolu 15, f'dak l-Istat Membru fejn l-investituri potenzjali huma ddomiċiljati jew għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, u li fi kwalunkwe każ ma jammontax għal offerta jew pjazzament lill-investitur potenzjali biex jinvesti fl-unitajiet jew l-ishma ta' dak* il-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti **■** .";

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 4a

1. ***Maniġer ta' fond*** ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jista' jwettaq prekummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni, ***ħlief*** meta l-informazzjoni ppreżentata lill-investituri potenzjali:

■

(a) tkun suffiċjenti biex tippermetti lill-investituri jintrabtu li jakkwistaw unitajiet jew ishma ta' ***fond*** ta' kapital ta' riskju kwalifikanti partikolari;

- (b) tkun tammonta għal [] formoli ta' sottoskrizzjoni jew dokumenti simili kemm f'forma ta' abbozz kif ukoll f'forma finali [] ; jew
- (c) *tkun tammonta għal dokumenti kostituzzjonali, prospett jew dokumenti ta' offerta ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti li għadu mhux stabbilit f'forma finali.*

Meta jiġu pprovduti abbozz ta' prospett jew dokumenti ta' offerta, dawn ma għandux ikun fihom informazzjoni suffiċjenti li tippermetti lill-investituri jieħdu deċiżjoni ta' investiment u għandhom jiddikjaraw b'mod ċar li:

- (a) *ma jikkostitwixxux offerta jew stedina għal sottoskrizzjoni f'unitajiet jew ishma ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti; u*
- (b) *l-informazzjoni ppreżentata fihom ma għandhiex titqies bħala affidabbli peress li mhijiex kompleta u tista' tkun soġġetta għal tibdil.*

2. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jesiġu li maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bil-kontenut jew bid-destinatarji tal-prekummerċjalizzazzjoni, ***jew li jissodisfa xi kundizzjonijiet jew rekwiżiti għajr dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu, qabel ma jagħmel prekummerċjalizzazzjoni.***

3. ***Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti għandhom jiżguraw li l-investituri ma jakkwistawx unitajiet jew ishma f'fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti permezz ta' prekummerċjalizzazzjoni u li l-investituri kkuntattjati bħala parti mill-prekummerċjalizzazzjoni jistgħu jakkwistaw biss unitajiet jew ishma f'dak il-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti permezz ta' kummerċjalizzazzjoni permessa skont l-Artikolu 15.***

Kwalunkwe sottoskrizzjoni minn investituri professjonali, fi żmien 18-il xahar minn meta l-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti li jkun beda l-prekummerċjalizzazzjoni, f'unitajiet jew ishma ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti msemmi fl-informazzjoni pprovduta fil-kuntest tal-prekummerċjalizzazzjoni, jew ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti stabbilit b'riżultat tal-prekummerċjalizzazzjoni, għandha titqies li tkun ir-riżultat ta' kummerċjalizzazzjoni u għandha tkun soġġetta għall-proċeduri ta' notifika applikabbli msemmija fl-Artikolu 15.

4. *Fi żmien ġimagħtejn minn meta jkun bedae l-prekummerċjalizzazzjoni, il-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti għandu jibagħat ittra informali, f'forma stampata jew b'mezzi elettroniċi, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu. Dik l-ittra għandha tispēċifika l-Istati Membri fejn saret il-prekummerċjalizzazzjoni u l-perjodi li matulhom qed issir jew tkun saret, deskrizzjoni qasira tal-prekummerċjalizzazzjoni inkluża informazzjoni dwar l-istrateġiji ta' investiment ippreżentati u, fejn rilevanti, lista tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti li huma jew li kienu s-suġġett tal-prekummerċjalizzazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom il-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti huwa jew kien involut f'prekummerċjalizzazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih qed issir jew tkun saret il-prekummerċjalizzazzjoni jistgħu jesigū li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jipprovdu informazzjoni ulterjuri dwar il-prekummerċjalizzazzjoni li qed issir jew tkun saret fit-territorju tiegħu.*

5. *Parti terza għandha tidħol biss fi prekummerċjalizzazzjoni f'isem maniġer awtorizzat ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti meta din tkun awtorizzata bħala ditta tal-investment skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, bħala istituzzjoni ta' kreditu skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, bħala kumpanija maniġerjali tal-UCITS skont id-Direttiva 2009/65/KE, bħala maniġer ta' fond ta' investment alternattiv skont id-Direttiva 2011/61/UE, jew meta taġixxi bħala aġent marbut skont id-Direttiva 2014/65/UE. Tali parti terza għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan l-Artikolu.*

■

6. Maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti ■ għandu *jiżgura li l-prekummerċjalizzazzjoni tkun dokumentata kif xieraq.*

* *Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).*

** *Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338)."*

Artikolu 16

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 346/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:

"(o) "prekummerċjalizzazzjoni" tfisser għoti ■ ta' informazzjoni **jew komunikazzjoni, b'mod dirett jew indirett**, dwar strateġiji ta' investment jew ideat ta' investment **minn manijer** ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti, jew f'ismu, lill-investituri potenzjali ddomiċiljati jew b'uffiċċju rreġistrat fl-Unjoni sabiex jittestja l-interess tagħhom f'fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti li għadu mhux **stabbilit, jew f'fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti li huwa stabbilit, iżda li għadu mhux innotifikat għall-kummerċjalizzazzjoni skont l-Artikolu 16, f'dak l-Istat Membru fejn l-investituri potenzjali huma ddomiċiljati jew għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, u li fi kwalunkwe każ ma jammontax għal offerta jew pjazzament lill-investitur potenzjali biex jinvesti fl-unitajiet jew l-ishma ta' dak il-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti**.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 4a

1. ***Maniġer*** ta' ***fond*** ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jista' jagħmel prekuumerċjalizzazzjoni fl-Unjoni, ***ħliet*** meta l-informazzjoni ppreżentata lill-investituri potenzjali:

■

- (a) tkun suffiċjenti biex tippermetti lill-investituri jintrabtu li jakkwistaw unitajiet jew ishma ta' ***fond*** ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti partikolari;
- (b) tkun tammonta għal ■ formoli ta' sottoskrizzjoni jew dokumenti simili kemm f'forma ta' abbozz kif ukoll f'forma finali ■ ; jew
- (c) ***tkun tammonta għal dokumenti kostituzzjonali, prospett jew dokumenti ta' offerta ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti li għadu mhux stabbilit f'forma finali.***

Meta jiġu pprovduti abbozz ta' prospett jew dokumenti ta' offerta, dawn ma għandux ikun fihom informazzjoni suffiċjenti li tippermetti lill-investituri jieħdu deċiżjoni ta' investiment u għandhom jiddikjaraw b'mod ċar li:

- (a) ma jikkostitwixxux offerta jew stedina għal sottoskrizzjoni f'unitajiet jew ishma ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti; u*
- (b) l-informazzjoni ppreżentata fihom ma għandhiex titqies bħala affidabbli peress li mhijiex kompleta u tista' tkun soġġetta għal tibdil.*

I

- 2. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jesigū li manijer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bil-kontenut jew bid-destinatarji tal-prekummerċjalizzazzjoni, jew li jissodisfa xi kundizzjonijiet jew rekwiżiti għajr dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu, qabel ma jagħmel prekummerċjalizzazzjoni.*

3. *Il-manigġers ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandhom jiżguraw li l-investituri ma jakkwistawx unitajiet jew ishma f'fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti permezz ta' attivitajiet ta' prekummerċjalizzazzjoni u li l-investituri kkuntattjati bħala parti mill-prekummerċjalizzazzjoni jistgħu jakkwistaw biss unitajiet jew ishma f'dak il-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti permezz ta' kummerċjalizzazzjoni permessa skont l-Artikolu 16.*

Kwalunkwe sottoskrizzjoni minn investituri professjonali, fi żmien 18-il xahar minn meta l-manigġers ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jkunu bdew il-prekummerċjalizzazzjoni, f'unitajiet jew ishma ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti msemmi fl-informazzjoni pprovduta fil-kuntest tal-prekummerċjalizzazzjoni, jew ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti stabbilit b'riżultat tal-prekummerċjalizzazzjoni, għandha titqies li tkun ir-riżultat ta' kummerċjalizzazzjoni u għandha tkun soġġetta għall-proċeduri ta' notifika applikabbli msemmija fl-Artikolu 16.

4. *Fi żmien ġimagħtejn minn meta jkun beda l-prekummerċjalizzazzjoni, maniġer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandu jibagħat ittra informali, f'forma stampata jew b'mezzi elettroniċi, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiciliju tiegħu. Dik l-ittra għandha tispeċifika l-Istati Membri fejn saret il-prekummerċjalizzazzjoni u l-perjodi li matulhom qed issir jew tkun saret, deskrezzjoni qasira tal-prekummerċjalizzazzjoni inkluża-informazzjoni dwar l-istrateġiji ta' investiment ippreżentati u, fejn rilevanti, lista tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti li huma jew li kienu s-suġġett tal-prekummerċjalizzazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiciliju ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom il-maniġer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti huwa jew kien involut f'prekummerċjalizzazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih qed issir jew tkun saret il-prekummerċjalizzazzjoni jistgħu jesiġu li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiciliju tal-maniġer tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jipprovdu informazzjoni ulterjuri dwar il-prekummerċjalizzazzjoni li qed issir jew tkun saret fit-territorju tiegħu.*

5. *Parti terza għandha tidħol biss fi prekummerċjalizzazzjoni f'isem maniġer awtorizzat ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti meta din tkun awtorizzata bħala ditta tal-investment skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, bħala istituzzjoni ta' kreditu skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, bħala kumpanija maniġerjali tal-UCITS skont id-Direttiva 2009/65/KE, bħala maniġer ta' fond ta' investment alternattiv skont id-Direttiva 2011/61/UE, jew meta taġixxi bħala aġent marbut skont id-Direttiva 2014/65/UE. Tali parti terza għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan l-Artikolu.

■

6. Maniġer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti ■ għandu jiżgura li l-prekummerċjalizzazzjoni tkun dokumentata kif xieraq." —————

* *Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).*

** *Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).*

Artikolu 17

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1286/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 32(1), "sal-31 ta' Diċembru 2019" hija sostitwita b'"sal-31 ta' Diċembru 2021";*
- (2) l-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:*
 - (a) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, "Sal-31 ta' Diċembru 2018" hija sostitwita b'"Sal-31 ta' Diċembru 2019";*
 - (b) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, "sal-31 ta' Diċembru 2018" hija sostitwita b'"sal-31 ta' Diċembru 2019";*
 - (c) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4, "Sal-31 ta' Diċembru 2018" hija sostitwita b'"Sal-31 ta' Diċembru 2019".*

Artikolu 18

Evalwazzjoni

Sa ... [60 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ **ta' dan ir-Regolament**] il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' konsultazzjoni pubblika u fid-dawl tad-diskussjonijiet mal-ESMA u mal-awtoritajiet kompetenti, tagħmel evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Sa ... [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, mal-ESMA u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar solleċitazzjoni u domanda bil-kontra fuq l-inizjattiva proprja ta' investitur, filwaqt li tispeċifika l-firxa ta' dik il-forma ta' sottoskrizzjoni f'fondi, id-distribuzzjoni ġeografika tagħha, inkluż f'pajjiżi terzi, u l-impatt tagħha fuq ir-reġim ta' passaportar. Dak ir-rapport għandu jeżamina wkoll jekk il-portal ta' notifika stabbilit skont l-Artikolu 13(2) għandux jiġi żviluppat sabiex it-trasferimenti kollha ta' dokumenti bejn l-awtoritajiet kompetenti jsiru permezz tiegħu.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Madankollu, l-Artikolu 4(1) sa (5), l-Artikolu 5(1) u (2), l-Artikolu 15 u l-Artikolu 16 għandhom japplikaw minn ... [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ **ta' dan ir-Regolament**].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

